



**2020/2075(INI)**

19.4.2021

## **OPINJONI**

tal-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali

għall-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

dwar ir-rieżami tal-qafas leġiżlattiv makroekonomiku għal impatt aħjar fuq l-ekonomija reali tal-Ewropa u trasparenza aħjar tat-teħid ta' deċiżjonijiet u tal-akkontabilità demokratika  
(2020/2075(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Leila Chaibi

PA\_NonLeg

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali jappella lill-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jisħaq fuq li kwalunkwe disinn istituzzjonali għandu jkun adattat għall-iskop tiegħu; jenfasizza li l-għan tal-politiki makroekonomiċi huwa li jiżguraw ekonomija li taħdem għal kulħadd, li jipproduċu politiki bbażati fuq is-solidarjetà u b'perspettiva femminista, li ħadd ma jitħalla jibqa' lura u jiġu aċċertati soċjetajiet reżiljenti ċċentriati fuq il-benesseri taċ-ċittadini tagħhom; jinnota l-importanza ta' istituzzjonijiet demokratiċi, trasparenti u responsabbli biex jiġi żgurat li l-politiki ekonomiċi jikkorrispondu għal dan il-għan u għaldaqstant jiżguraw il-ġid komuni;
2. Jisħaq fuq il-ħtieġa li jissaħħu l-leġittimità demokratika, ir-responsabbiltà u l-iskrutinju tal-qafas tal-governanza ekonomika; jemmen li biex tittejjeb is-sjieda, ir-responsabbiltajiet jeħtieġ li jiġu assenjati fil-livell fejn jittieħdu jew jiġu implimentati d-deċiżjonijiet, bil-parlamenti nazzjonali jeżaminaw bir-reqqa l-gvernijiet nazzjonali u l-Parlament Ewropew li jagħmel skrutinju bir-reqqa tal-eżekuttivi Ewropej; jissottolinja l-importanza tal-implimentazzjoni korretta u konsistenti tal-qafas fl-Istati Membri kollha;
3. Jissottolinja li l-kriżi tal-COVID-19 turi għal darb'oħra l-importanza tal-qafas ta' governanza ekonomika tal-Unjoni, li ssaħħaħ iżda jeħtieġ li jiġi żvilupp aktar, inkluż permezz ta' aktar trasparenza; huwa tal-fehma li l-implimentazzjoni tad-djalogu ekonomiku jeħtieġ li tiġi rieżaminata biex jiġi żgurat li jsir skrutinju parlamentari xieraq; jappella lill-Kummissjoni u lill-Kunsill jirreaġixxu għal dik il-ħtieġa, b'mod partikolari permezz ta' involviment aktar mill-qrib tal-Parlament Ewropew, kif ukoll billi jiġi inkoraġġit l-involviment tal-parlamenti nazzjonali biex jitjiebu s-sjieda u l-iskrutinju demokratiku tal-gvernijiet nazzjonali, u permezz ta' konsultazzjoni u involviment xierqa tas-sħab soċjali, is-soċjetà ċivili u l-partijiet ikkonċernati rilevanti;
4. Jappella għal aktar żvilupp tal-konferenza interparlamentari prevista fl-Artikolu 13 tal-Patt Fiskali, biex ikunu jistgħu jsiru diskussjonijiet sostanzjali u f'waqthom meta meħtieġ;
5. Jinkoraġġixxi l-involviment effettiv tal-parlamenti nazzjonali fil-livell nazzjonali billi jiżgura li jkollhom id-dritt li jiksbu informazzjoni mill-gvernijiet nazzjonali rispettivi tagħhom preżenti fil-Kunsill;
6. Jappella biex jintużaw il-flessibilitajiet fit-Trattati biex jiżdied l-użu tal-metodu Komunitarju, ikun hemm bidla mill-unanimità għall-votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata fil-Kunsill u fejn possibbli jiġi involut il-Parlament permezz tal-kodeċiżjoni; jappella, b'mod partikolari, biex jiġi adottat pakkett komprensiv ta' "klawżola passerelle" għal bidla lejn proċeduri ta' votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata fil-Kunsill dwar kwistjonijiet ta' tassazzjoni u riżorsi proprji għall-baġit tal-UE;
7. Ifakkar fl-importanza tal-iskrutinju parlamentari fil-governanza ekonomika tal-Unjoni; jappella lill-Kummissjoni tiżgura skrutinju parlamentari adegwat fir-rieżami tagħha tal-qafas ta' governanza ekonomika tal-Unjoni; ifakkar fil-pożizzjoni tiegħu dwar il-

konklużjoni ta' ftehim interistituzzjonali biex tiġi fformalizzata s-sorveljanza parlamentari tas-Semestru Ewropew;

8. Jappella għat-tishiġ tar-rwol demokratiku tal-Parlament fil-qafas tal-governanza ekonomika, inkluż dwar Governanza Ewropea Sostenibbli, biex ikun jista' jsir skrutinju xieraq tad-deċiżjonijiet meħuda fil-qafas tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja (UEM) u tal-euro;
9. Ifakkar li, skont l-Artikoli 121 u 126 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), il-Parlament Ewropew la jista' jiskrutinizza u lanqas jemenda r-rakkomandazzjonijiet adottati mill-Kunsill fil-qafas tas-Semestru Ewropew; iqis li huwa urġenti li ssir reviżjoni tat-trattat biex tiżdied il-leġittimità demokratika permezz tal-approvazzjoni mill-Parlament tar-rakkomandazzjonijiet;
10. Jissottolinja l-importanza li jiġu kkoordinati l-politiki ekonomiċi, soċjali u ambjentali fl-Unjoni għall-ħolqien ta' aktar impjiegi u tkabbir; jappella biex titqies id-dimensjoni soċjali tal-UEM u jfakkar, f'dan il-kuntest, li l-Artikolu 9 tat-TFUE jiddikjara li "fid-definizzjoni u fl-implimentazzjoni tal-politika u l-azzjonijiet tagħha, l-Unjoni għandha tiegħu kont tal-ħtiġijiet marbuta mal-promozzjoni ta' livell għoli ta' impjieg, mal-garanzija ta' protezzjoni soċjali xierqa, mal-ġlieda kontra l-esklużjoni soċjali"; jisħaq fuq l-importanza tal-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali (EPSR) u l-oġettivi ambjentali f'konformità mal-impenji tal-UE dwar il-klima, l-ambjent u l-iżvilupp sostenibbli; jappella b'urġenza lill-Kummissjoni u lill-Kunsill Ewropew biex iqisu dawn l-impenji fil-governanza ekonomika tal-Unjoni; jappella biex it-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali titqies bis-sħiħ għall-finijiet ta' monitoraġġ tal-prestazzjoni tal-Istati Membri fir-rigward tal-prinċipji tal-EPSR; ifakkar li s-sħab soċjali għandhom jiġu kkonsultati dwar il-politiki ekonomiċi, tal-impjiegi u soċjali skont il-prattiki nazżjonali, kif previst mill-EPSR;
11. Jappella lill-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) jirrispetta r-rakkomandazzjonijiet tal-Ombudsman<sup>1</sup> u jirrieżamina bir-reqqa l-politiki interni tiegħu biex irażżan il-kunflitti ta' interess li jistgħu jinħolqu permezz ta' Prattiki ta' "revolving door" kif ukoll il-parteċipazzjoni ta' membri tal-Bord Eżekuttiv u tal-Kunsill Governattiv tal-BĊE f'fora informali li jinvolvu diskussjonijiet sigrieti ma' rappreżentanti għolja tas-settur privat;
12. Jisħaq fuq il-ħtieġa għal mekkaniżmi adegwati biex jiġu indirizzati l-iskossi ekonomiċi; jilqa' l-ħolqien tal-fond ta' rkupru Next Generation EU (NGEU) bħala pass importanti ieħor iżda jindika l-ħtieġa għal programmi permanenti ta' assistenza finanzjarja; itenni l-ħtieġa għal qafas istituzzjonali effettiv biex jiġu żviluppati aktar tali mekkaniżmi u programmi;
13. Jaċċentwa l-fatt li fid-dawl tal-kriżi attwali huwa importanti li tingħata attenzjoni lill-qgħad li qiegħed jiżdied u l-livell ta' inugwaljanza fl-Ewropa fil-kuntest tal-qafas ekonomiku tal-Unjoni; iqis li wieħed mill-aħjar modi biex jiġu missielta dawn ix-xejriet negattivi huwa li jiżdiedu l-isforzi kollha li jikkontribwixxu għall-ħolqien ta' aktar impjiegi u impjiegi aħjar fl-Ewropa;
14. Jisħaq fuq ir-rwol importanti tal-iskemi ta' riassigurazzjoni tal-qgħad fi żminijiet ta' reċessjoni ekonomika; f'dan ir-rigward, jilqa' l-Istrument Ewropew għal Appoġġ

---

<sup>1</sup> Kawża 1697/2016/ANA dwar l-involviment tal-ex President tal-BĊE, Mario Draghi, fil-"Grupp tat-Tletin".

temporanju biex jittaffew ir-Riskji ta' Qgħad f'Emerġenza (SURE) matul il-pandemija tal-COVID-19; jaċċentwa l-hteġa li jiġu mitigati b'mod effettiv kemm l-iskossi ekonomiċi simmetriċi kif ukoll dawk asimmetriċi fl-Unjoni;

15. Jilqa' l-adozzjoni tal-ftehimiet interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar dixxiplina baġitarja, dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji ta' baġit u dwar ġestjoni finanzjarja tajba, kif ukoll dwar riżorsi proprja ġodda, inkluż pjan direzzjonali lejn l-introduzzjoni ta' riżorsi proprja ġodda;
16. Ifakkar li l-Ftehim dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet itenni li l-Parlament Ewropew u l-Kunsill bħala koleġiżlaturi għandhom jeżerċitaw is-setgħat tagħhom fuq l-istess livell u li l-Kummissjoni għaldaqstant teħtieġ li tittrattahom b'mod ugwali, u jisħaq fuq ir-rwol u r-responsabbiltà tal-parlamenti nazzjonali;
17. Jilqa' l-ħruġ ta' dejn komuni mill-NGEU u d-deċiżjoni dwar il-ħolqien ta' riżorsi proprji ġodda; jiddispjaċih, madankollu, dwar il-pass attwali tar-ratifika ta' din id-deċiżjoni u jappella lill-Istati Membri jżidu l-isforzi tagħhom f'dan ir-rigward;
18. Ifakkar li skont il-Protokoll Nru 14 tat-TFUE, l-Istati Membri kollha għandhom jadottaw l-euro;
19. Jinnota li l-Grupp tal-Euro u s-Summit tal-Euro huma fora informali ta' diskussjoni fil-Kunsill Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji (Ecofin) u fil-Kunsill Ewropew, u jappella għall-integrazzjoni tagħhom fil-qafas tat-Trattat; jappella lill-Istati Membri jaġixxu fi ħdan il-qafas Komunitarju, filwaqt li jiżguraw ir-rwol tal-Parlament Ewropew bħala koleġiżlatur u d-dritt tiegħu għal sorveljanza demokratika;
20. Jappella biex il-Grupp tal-Euro jkun soġġett għal regoli ta' proċedura li jtejbu t-trasparenza tat-teħid tad-deċiżjonijiet u r-responsabbiltà, inkluż il-proċeduri ta' votazzjoni u l-pubblikazzjoni tar-riżultati;
21. Ifakkar fil-pożizzjoni tiegħu li l-karigi ta' President tal-Grupp tal-Euro u Kummissarju għall-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji jistħu jsiru kariga waħda, f'liema każ il-President tal-Kummissjoni għandu jaħtar lil dan il-Kummissarju bħala Viċi President tal-Kummissjoni;
22. Jinnota li UEM aktar profonda u reżiljenti tirrikjedi governanza aktar b'saħħitha, aktar effiċjenza, inqas kumplessità u aktar trasparenza, u li, bħala kwistjoni ta' prinċipju, ir-regoli m'għandhomx imorru lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jinkisbu l-oġettivi;
23. Jaċċentwa l-fatt li l-konsegwenzi soċjoekonomiċi tal-pandemija tal-COVID-19 huma ta' natura strutturali u ser ikollhom effetti negattivi dejjiema fit-tul, li għaldaqstant jirrikjedu neċessità li jsir rieżami ġenerali tas-sistema ta' governanza makroekonomika tal-Unjoni, b'mod partikolari tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir (PST);
24. Iqis neċessarju, barra minn hekk, li jiġi żgurat investment produttiv immirat lejn it-tiżni, fost oħrajn, tal-EPFR, it-tranżizzjonijiet doppji u s-settur tar-riċerka u innovazzjoni; ifakkar, f'dan il-kuntest, li l-Bord Fiskali Ewropew ippropona li ċertu nfiq speċifiku li jaġevola t-tkabbir jiġi eżentat mil-limitu massimu ta' tkabbir fin-nefqa primarja netta;

25. Jilqa' l-fatt li l-klawżola liberatorja ġenerali tippermetti lill-Kummissjoni u lill-Kunsill iwettqu l-miżuri meħtieġa ta' koordinazzjoni tal-politiki u l-investment pubbliku essenzjali biex jirrispondu għall-kriżi tas-saħħa, soċjali u ekonomika fi ħdan il-qafas tal-PST ibbażat fuq ir-regoli; jisħaq fuq li l-attivazzjoni tal-klawżola liberatorja ġenerali, li tippermetti lill-Istati Membri jiddevjaw temporanjament mill-perkors ta' aġġustament lejn l-oġettiv baġitarju ta' terminu medju, għandha tibqa' attiva sakemm il-kundizzjonijiet epidemjoloġiċi jippermettu li l-attività ekonomika tiġi lura għan-normal; jinnota li l-indikazzjonijiet preliminari attwali jissuġġerixxu li fl-2022 titkompla l-applikazzjoni tal-klawżola liberatorja ġenerali;
26. Ifakkar fl-importanza tal-ugwaljanza bejn is-sessi, li hija minquxa fl-Artikolu 23 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea; ifakkar li n-nomini fis-settur tal-affarijiet ekonomiċi u monetarji tal-Unjoni għandhom jirrispettaw il-prinċipji tal-kwalifiki, l-esperjenza u l-bilanċ bejn is-sessi; jappella lill-istituzzjonijiet nazzjonali u tal-UE biex jiżguraw li dawn il-prinċipji jiġu rispettati, u jfakkar fil-pożizzjoni tal-Parlament fil-paragrafu 4 tar-riżoluzzjoni tiegħu tal-14 ta' Marzu 2019 dwar il-bilanċ bejn is-sessi fin-nomini fis-settur tal-affarijiet ekonomiċi u monetarji tal-UE<sup>2</sup>, li fiha l-Parlament jimpenja ruħu li ma jqisx listi ta' kandidati fejn il-prinċipju tal-bilanċ bejn is-sessi ma ġiex irrispettat flimkien mar-rekwiżiti dwar il-kwalifiki u l-esperjenza fil-proċess tal-għażla;
27. Ifakkar fl-appell tiegħu lill-Kunsill, speċifikament fir-rapport annwali reċenti tiegħu tal-2020 dwar il-BĊE, biex ifassal lista mqassra bbilanċjata bejn is-sessi għal kwalunkwe post vakanti li jmiss fil-BĊE u biex jikkondividi dan mal-Parlament, biex b'hekk il-Parlament ikollu rwol konsultattiv aktar sinifikanti fil-proċess tal-ħatra tan-nomini tal-Membri tal-Bord Eżekuttiv;
28. Iqis li l-istabbiliment tal-UEM huwa inseparabbli mir-rispett għall-istat tad-dritt, u l-ikkompletar tal-Unjoni Bankarja; jilqa' l-adozzjoni tar-Regolament (UE, Euratom) 2020/2092 dwar reġim ġenerali ta' kondizzjonalità għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni<sup>3</sup>;
29. Jisħaq fuq ir-rwol importanti li jaqdi l-Parlament Ewropew fin-negozjati li jwasslu għall-adozzjoni tiegħu; ifakkar, f'dan il-kuntest, li r-regolament huwa applikabbli fl-intier tiegħu;
30. Jisħaq fuq l-importanza ta' dibattitu dwar il-governanza ekonomika maċ-ċittadini, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u sħab soċjali, u firxa ta' partijiet ikkonċernati fil-livell Ewropew, nazzjonali, reġjonali u lokali bħala parti mill-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa;
31. Jappella biex il-konklużjonijiet tal-Konferenza jitqiesu kif dovut; jimpenja ruħu favur segwitu ġenwin tal-Konferenza mingħajr dewmien, bi propositi leġiżlattivi, bil-ftuħ ta' bidliet fit-Trattati jew b'kull mod ieħor; jappella liż-żewġ istituzzjonijiet l-oħra jieħdu l-istess impenn;
32. Jappella għall-implimentazzjoni ta' rieżami tal-PST, kif ukoll għall-inkorporazzjoni tal-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà u l-Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni tal-Banek fid-dritt

---

<sup>2</sup> ĠU C 23, 21.1.2021, p. 105.

<sup>3</sup> ĠU L 433I, 22.12.2020, p. 1.

tal-UE biex tittejjeb ir-responsabbiltà demokratika tal-governanza ekonomika u tiġi kkompletata l-UEM;

33. Jitlob biex ir-restrizzjonijiet li jistipulaw l-unanimità fil-Kunsill, u li b'hekk jillimitaw is-setgħat ta' kodeċiżjoni parlamentari, jitneħħew fl-oqsma kollha tal-politika ekonomika u finanzjarja fir-reviżjoni li jmiss tat-Trattati;
34. Jitlob biex il-Grupp tal-Euro jinbidel f'konfigurazzjoni tal-Kunsill.

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI  
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

<b>Data tal-adozzjoni</b>	13.4.2021
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: 23 -: 4 0: 1
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Gerolf Annemans, Gabriele Bischoff, Damian Boeselager, Geert Bourgeois, Fabio Massimo Castaldo, Leila Chaibi, Włodzimierz Cimoszewicz, Gwendoline Delbos-Corfield, Pascal Durand, Charles Goerens, Esteban González Pons, Sandro Gozi, Brice Hortefeux, Laura Huhtasaari, Giuliano Pisapia, Paulo Rangel, Antonio Maria Rinaldi, Domènec Ruiz Devesa, Jacek Saryusz-Wolski, Helmut Scholz, Pedro Silva Pereira, Sven Simon, Antonio Tajani, Mihai Tudose, Guy Verhofstadt, Rainer Wieland
<b>Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Othmar Karas, Niklas Nienäß



**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET  
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

<b>23</b>	<b>+</b>
NI	Fabio Massimo Castaldo
PPE	Esteban González Pons, Brice Hortefeux, Othmar Karas, Paulo Rangel, Sven Simon, Antonio Tajani, Rainer Wieland
Renew	Pascal Durand, Charles Goerens, Sandro Gozi, Guy Verhofstadt
S&D	Gabriele Bischoff, Włodzimierz Cimoszewicz, Giuliano Pisapia, Domènec Ruiz Devesa, Pedro Silva Pereira, Mihai Tudose
The Left	Leila Chaibi, Helmut Scholz
Verts/ALE	Damian Boeselager, Gwendoline Delbos Corfield, Niklas Nienäb

<b>4</b>	<b>-</b>
ECR	Geert Bourgeois, Jacek Saryusz-Wolski
ID	Gerolf Annemans, Laura Huhtasaari

<b>1</b>	<b>0</b>
ID	Antonio Maria Rinaldi

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni